# KUMITAT REGJONALI XLOKK

**KUNSILLI LOKALI**
**VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, RAHAL GDID, HAL TARXIEN, XGHAJRA**

## Minuti

## Laqgħa Nru. 01/2010/XLOKK-01

Data u hin

* **Il-Laqgħa Nru 01/2010/XLOKK-01 tal-Ewwel Amministrazzjoni tal-Kumitat Regjonali Xlokk saret nhar il-Hamis 29 ta' Lulju 2010 fid-6.00pm fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali Hal Tarxien f'73, Triq Santa Marija, Tarxien.**

Attendenza

** **Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| **Chev P. Farrugia KLJ, CMLJ** | **President** |
| **Is-Sur Chris Cassar** | **Viċi Sindku Birgu** |
| **Is-Sur Joe Casha** | **Sindku Isla** |
| **Is-Sur Joseph Scerri** | **Sindku Bormla** |
| **Is-Sur Domenic Agius** | **Sindku Haz Zabbar** |
| **Is-Sur Joe Attard** | **Sindku Zejtun** |
| **Is-Sur Anthony Degiovanni** | **Agent Sindku Fgura** |
| **Is-Sur Nigel Hollad** | **Sindku Floriana** |
| **Is-Sur Michael Cohen** | **Sindku Kalkara** |
| **Is-Sur Chris Spiteri** | **Vici Sindku Marsa** |
| **Is-Sur Mario Calleja** | **Sindku Marsaskala** |
| **Is-Sur Maurice L. Mallia** | **Agent Seg. Eżek.** |

*** **Skuzati:**

**Sindku Kunsill Lokali Valletta**
**Sindku Kunsill Lokali Rahal Gdid**
**Sindku Kunsill Lokali Xghajra**
**Sindku Kunsill Lokali Marsaxlokk**

**** **Il-President, is-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 1.0 Introduzzjoni mill-President

1.1 Il-President, is-Sur P.Farrugia ta merhba lill-membri kollha prezenti filwaqt li qal li bdejna il-hidma tal-Kumitat minghajr ma ghad ghandna fejn niltaqghu.

1.2 Kompla jghid li jinhtieg li nkunu organizzati tajjeb biex fl-1 t'Awwissu nibdew niffunzjonaw bhala Kumitat gdid u jawgura li l-hidma flimkien tkun ta' beneficcju ghall-komunitajiet li nirraprezentaw.

## 2.0 Hatra ta' Vici President

2.1 Il-President informa lill-Membri li sal-hin tal-gheluq dahlet nominazzjoni wahda ghall-hatra ta' Vici President ta' dan il-Kumitat. Il-persuna nnominata hu s-Sur Joe Attard, Sindku tal-Kunsill Lokali Zejtun, li gie nnominat mill-President u Sindku tal-Kunsill Lokali Hal Tarxien, is-Sur Paul Farrugia, filwaqt li gie issekondat mis-Sur Michael Cohen, Sindku tal-Kunsill Lokali Kalkara. [App.1] nominazzjoni

2.2 Il-President talab ghal vot fuq din in-nominazzjoni. votazzjoni

Voti Favur: hdax
Voti Kontra: hadd,
Astenzjonijiet: xejn

Il-mozzjoni ghaddiet unanimament

Dawk kollha prezenti ferhu lis-Sur Attard ghall-kariga gdida tieghu fi hdan dan il-Kumitat. awguri

2.2.1 Il-Vici President, is-Sur Joe Attard, irringrazzja lill-Membri ghall-fiducja taghhom fih u wieghed li ser jaghmel dmiru kif inhu xieraq Ringrazzjament mill-Vici President

## 3.0 Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv

3.1 Il-President informa lill-Membri li mill-lista ta' *pool* ta' kandidati prospettiv biex jimtela' l-post vakanti ta' Segretarju Ezekuttiv ghall-Kumitat Regjonali Xlokk, eskludejna dawk ta' Ghawdex minhabba l-logistika filwaqt li baghtna ghal dawk kollha ta' Malta. Post vakanti

3.2 Kompla jispjega li ghal din is-sejha wiegbu biss 4 kandidati li wrew interess li jattendu ghal *interview* li sar fl-4 ta' Gunju 2010. Interess

3.3 Bhala "Interview Board" *ad hoc* kienu mistiedna biex jattendu flimkien mal-President, Is-Sindki ta' Bormla, tal-Isla, taz-Zejtun, ta' Haz Zabbar, ta' Marsaskala u tal-Floriana, fil-prezenza tal-Agent Segretarju Ezekuttiv is-Sur M.L.Mallia, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Hal Tarxien. *Interview Board*

3.4 Effettivament attendew fuq il-*Board*, is-Sur P.Farrugia [President], is-Sur Joe Attard [Vici-President], is-Sur Jospeh Scerri [Sindku Bormla] u s-Sur M.L.Mallia [Agent Segr.Ezek.] Attendenza

3.5 Il-President spjega li saru l-istess seba' mistoqsijiet lil kull kandidat prospettiv u kull mistoqsija kellha allokat maghha massimu ta' 5 punti, filwaqt li inghataw sa massimu ta' 15-il punt addizzjonali bhala prezentazzjoni generali, b'total massimu ta' 50 punt. Mistoqsijiet

3.6 Kull membru tal-Board kellu jaghti l-marki relattivi fid-diskrezzjoni tieghu u wara l-interviews il-marki ta' kull membru gew akkumulati biex hareg ir-rizultat finali li gie moqri mill-President: Marki

| **Kandidat nru** | **Isem** | **Total ta' Marki** |
|---|---|---|
| 1. | Herd Samuel | 87 |
| 2. | Dalli Cyp | 86 |
| 3. | Lautier M. Lourdes | 180 |
| 4. | Azzopardi Lawrence | 129 |

3.7 Il-President kompla jghid li l-izjed wahda intiza fuq ix-xoghol u responsabbiltajiet tal-Kunsilli Lokali kienet is-Sinj. Lautier li gabet l-izjed marka gholja. [App.2] l-ghola marka

3.8 Il-President qal li dan ir-rizultat diga' ghaddejnih lid-Dipt.Gvern Lokali li min-naha tieghu talabna biex nibghatu b'mod ufficjali l-Minuti tal-laqgha fen giet approvata il-hatra ghal Segretarju Ezekuttiv. Din il-laqgha qed issir issa. Infurmajna lid DGL

3.9 Il-President talab vot, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-*Interview Board* skont ir-rizultat mahrug, ghall-hatra tal-izjed persuna li gabet marki gholjin bhala l-kandidata prospettiva biex jimtela' l-post vakanti ta' Segretarju Ezekuttiv ghall-Kumitat Regjonali Xlokk, cioe` ghas-Sinj, M.Lourdes Lautier: vot

Voti favur: hdax
Voti kontra: xejn
Astensjonijiet: xejn

3.9.1 Il-Kumitat unanimament hatar lis-Sinj. M.Lourdes Lautier bhala Segretarju Ezekuttiv tal-istess Kumitat. Hatra

3.9.2 Din il-hatra finalment trid tigi approvata mill-Priministru.

3.9.3 Is-Sinj. Lautier ser tigi infurmata mill-Agent Segretarju Ezekuttiv dwar il-hatra taghha immedjatament hekk kif tispicca din il-laqgha permezz ta' email u wara permezz ta' ittra ufficjali. infurmata

3.10 Fuq proposta tas-Sur Degiovanni, il-President talab vot ukoll biex, f'kaz li s-Sinj Lautier ma tkunx f'pozizzjoni li taccetta l-kariga li giet mghoddija lilha, jigi mahtur il-kandidat prospettiv li gab it-tieni l-ghola marka, cioe` is-Sur Azzopardi Lawrence. It-tienu l-ghola marka

Voti favur: 11
Voti kontra: xejn
Astensjonijiet: xejn

3.10.1 Il-Kumitat unanimament qabel li fin-nuqqas tas-Sinj. Lautier jigi mahtur is-Sur Azzopardi. unanimament

3.10.2 Il-Kumitat iddecieda ukoll li l-process tal-hatra jieqaf hawn. F'kaz li lanqas is-Sur Azzopardi ma jkun f'pozizzjoni li jaccetta l-kariga, terga' ssir sejha ohra. Process tal-hatra

## 2.0 Għeluq tal-Laqgħa

2.1 Qabel ma ghalaq il-Laqgha il-President wera x-xewqa li dan il-Kumitat jibda jahdem b'ritmu fuq ir-responsabbiltajiet li gew mghoddija mill-Gvern Centrali ghall-lokalitajiet imsiehba f'dan ir-Regjun. hidma

2.2 Kompla jghid li ghandu l-hsieb li flimkien jadmu fuq progetti u attivitajiet ghan-naha t'isfel ta' Malta kif ukoll biex iz-zewg Regjuni dak tax-Xlokk u dak ta' Nofsinhar jahdmu flimkien.

2.2 Il-President temm jghid li jixtieq li ghal-laqghat ikun hemm attendenza minn kull rapprezentant tal-Kunsilli fi hdan dan il-Kumitat. attendenza

2.3 Il-laqgħa ntemmet fis-6.50 u ġiet aġġornata "Sine Die". tmiem

| | |
|---|---|
| **Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ** | **M. L. Mallia** |
| **President** | **Agent Seg. Eżek.** |

**29.07.10**